# KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

# SKOLA SEKONDARJA,

# ŻEJTUN

KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

## INFORMAZZJONI DWAR

## L-ISKOLA TAGĦNA

## GĦALL-ISTUDENTI

## TAS-SEBA' SENA U TAT-TMIEN SENA

# KONTENUT


| | PAĠNA |
|---|---|
| SUĠĠETTI MGĦALLMA FL-EWWEL U T-TIENI SENA | 4 |
| IS-SILLABU | 4 |
| L-EŻAMIJIET INTERNI | 5 |
| IR-RIŻULTATI | 5 |
| L-ATTENDENZA FL-ISKOLA | 5 |
| IL-ĦINIJIET TAL-ISKOLA U PUNTWALITÀ | 6 |
| IT-TALBA GĦAL EŻENZJONI | 6 |
| S.A. 25 IL-FORMOLA GĦAL *ALLOWANCE* SUPPLIMENTARI | 6 |
| IS-SERVIZZ MIL-LIBRERIJA TAL-ISKOLA | 7 |
| IR-REGOLAMENTI TAL-LIBRERIJA TAL-ISKOLA | 7 |
| IS-SERVIZZ MILL-ISKRIVANI TAL-ISKOLA | 7 |
| IL-PJAN TAL-ISKOLA | 8 |
| ILBIES ADDATAT GĦAL-ISKOLA | 8 |
| L-ATTIVITAJIET TA' WAQT IL-*BREAK* TA' NOFSINHAR | 8 |
| L-INDIRIZZ TAL-ISKOLA U NUMRI TAT-TELEFOWN | 8 |

## IL-KURRIKULU: IS-SUĠĠETTI MGĦALLMA FL-EWWEL U T-TIENI SENA

| IS-SUĠĠETTI | In-Numru ta' lezzjonijiet fil-ġimgħa |
|---|---|
| Malti | 5 |
| Reliġjon/Ethics | 2 |
| Ingliż | 6 |
| Matematika | 5 |
| Xjenza Integrata | 4 |
| Studji Soċjali (Ġenerali) | 1 |
| Storja ta' Malta (Ġenerali) | 2 |
| Ġeografija (Ġenerali) | 1 |
| *Physical Education (PE)* | 3 |
| *Personal, Social & Career Development (PSCD)* | 2 |
| *Information and Communication Technology (ICT)* | 1 |
| Arti / Mużika | 2 |
| Franċiż, Għarbi, Ġermaniż, Spanjol JEW Taljan | 4 |
| *Home Economics (HE) / Design* u *Technology (D & T)* | 2 |

**TOTAL: 40 LEZZJONI FIL-ĠIMGĦA**

## IS-SILLABU

- L-Iskola timxi mas-sillabu uffiċjali tad-Direttorat tal-Edukazzjoni. L-għalliema jindikaw lill-istudenti tagħhom x'inhuma t-temi tas-sillabu għas-sena li jkunu fiha.
- Ikun għaqli li l-ġenituri jżommu kuntatt ma' wliedhom u jitkellmu magħhom dwar is-suġġetti kollha li jkunu qegħdin jistudjaw l-iskola. Jagħmel sens li l-ġenituri jinħassu minn uliedhom li qed jagħtu kas ta' dak kollu li jsir fl-iskola.

## L-EŻAMIJIET INTERNI

- Għal studenti tal-Ewwel u t-Tieni sena, l-eżamijiet isiru darbtejn fis-sena, fl-ewwel ġimgħa ta' Frar u fit-tielet ġimgħa ta' Ġunju. Kull skola tipprepara l-karti tal-eżamijiet ta' nofs is-sena. Il-karti tal-aħħar tas-sena huma karti nazzjonali.
- L-istudenti **MA JISTGĦUX** JAGĦTU LURA L-KARTA TAL-EŻAMI QABEL IT-TMIEM UFFIĊĊJALI tal-eżami. L-istudenti huma mistennija li jibqgħu fil-klassi matul il-ħin kollu tal-eżami.
- L-eżamijiet ta' nofs u tal-aħħar tas-sena jsiru fis-suġġetti kollha minbarra fil-PSD, PE, Arti, Mużika, HE u D & T. F'dawn is-suġġetti, tingħata Marka tal-*Assessment*.
- Jekk l-istudenti jfallu għal xi eżami, kemm f'dawk ta' nofs is-sena, kif ukoll fl-annwali, **għandhom iġibu ċertifikat tat-tabib**. Jekk dan ma jinġiebx, l-istudenti jiġu immarkati bħala assesnti.
- Meta l-istudenti jkollhom eżami fl-ewwel sezzjoni BISS, u jkunu jixtiequ jmorru lejn id-dar kmieni, iridu jippreżentaw nota ta' permess mill-ġenituri li trid tinkludi d-

data, l-isem tal-istudent/a, il-klassi, n-numru tal-ID tal-omm/missier/kustodja legali u l-firma.

**IR-RIŻULTATI**

- Jum il-Ġenituri jsir darbtejn fis-sena, f'Novembru u f'Marzu. Ir-rapport ta' Marzu juri l-marki tal-***assessment*** u **l-marki tal-eżamijiet** ta' nofs is-sena, fis-suġġetti differenti kif ukoll **l-imġiba** għall-ewwel nofs tas-sena.
- Il-marka tal-**assessment** tingħata fuq ix-xogħol li l-istudenti jagħmlu matul il-lezzjonijiet. Fejn l-istudenti jfallu ħafna, jew iħallu barra ħafna mix-xogħol tal-kors, il-marka tal-assessment tagħhom tkun turi li x-xogħol tagħhom huwa inkomplut.

**L-ATTENDENZA FL-ISKOLA**

- L-iskola tibgħat tavża lill-ġenituri permezz ta' sms meta wliedhom ma jiġux skola.
- **F'KAŻ LI L-ISTUDENTI JFALLU SA TLITT (3) IJIEM F'XAHAR, IKUN HEMM BŻONN TA' NOTA LI TINGĦATA LILL-*CLERK*. MIR-RABA' JUM MATUL IX-XAHAR, UKOLL JEKK IL-ĠRANET TAL-ASSENZA MA JKUNUX KONSEKUTTIVI, IKUN HEMM BŻONN TA' ĊERTIFIKAT TAT-TABIB**. **IL-*CARD* PROVDUTA MILL-ISKOLA LI TINGĦATA LIT-TABIB GĦANDHA TIĠI PPREŻENTATA LILL-CLERK META IĊ-ĊERTIFIKAT JINĠIEB L-ISKOLA.**
- Tajjeb li l-ġenituri jkunu jafu wkoll li kull xahar, isir rapport lill-*Welfare Officer* dwar l-assentejiżmu matul ix-xahar ta' qabel. Għalhekk dawk l-istudenti li jfallu u ma jibagħtux iċ-ċertifikati **FI ŻMIEN TLETT (3) IJIEM** min meta jirritornaw l-iskola jiġu rrappurtati u jistgħu jeħlu ċitazzjoni. Il-ġenituri jkollhom jidhru quddiem it-Tribunal.
- L-istudenti jiġu eżentati wkoll mill-obbligu li jattendu l-iskola fil-ġurnata li fiha jkollhom xi eżami estern. Trid tiġi ppreżentata karta uffiċjali li tixhed dan.

**IL-ĦINIJIET TAL-ISKOLA U PUNTWALITÀ**

- Il-ġurnata tal-iskola tibda fit-8.25am u tispiċċa fit-2.46pm, minn Settembru sa Mejju. F'Ġunju l-iskola tispiċċa fil-12.10pm.
- L-iskola tgħarraf minn qabel lill-ġenituri permezz tal-Kalendarju Skolastiku darba kull term dwar ġranet speċjali fejn l-istudenti ma jkollhomx skola, u dwar xi ġranet oħra fejn jista' jkun hemm xi tibdil fil-ħinijiet tal-iskola.
- **BIEX L-ISTUDENTI JIĠU AĊĊETTATI L-ISKOLA WARA L-ĦIN TAD-DĦUL IRIDU JKUNU AKKUMPANJATI MINN WIEĦED MILL-ĠENITURI. IL-ĠENITUR JINTALAB JIFFIRMA FI KTIEB APPOSTA GĦAND IR-RECEPTIONIST. JEKK JOGĦĠOBKOM IPPREŻENTAW L-*ID CARD*.**
- **F'KAŻ LI T-TIFLA JEW IT-TIFEL JASLU TARD MINGĦAJR MA JKUNU AKKUMPANJATI MILL-ĠENITURI, HUMA MA JITĦALLEWX JIDĦLU FIL-KLASSI SAKEMM MA JIĠIX XI ĦADD JIFFIRMA GĦALIH/A. JEKK JOGĦĠOBKOM IPPREŻENTAW L-*ID CARD*.**

- L-istudenti jridu jkunu puntwali wkoll għal kull lezzjoni u ma joqogħdux jitlajjaw sakemm imorru minn blokk għal ieħor.
- **L-ISTUDENTI QATT MA JITĦALLEW JOĦORĠU WAQT IL-ĦIN TAL-ISKOLA U JMORRU D-DAR WAĦEDHOM.**
- **META STUDENT JEW STUDENTA JKOLLHOM BŻONN JOĦORĠU WAQT IL-ĦIN TAL-ISKOLA, IKUN MEĦTIEĠ LI JIĠI GĦALIHOM XI ĦADD MILL-ĠENITURI U JURI L-KARTA TAL-IDENTITÀ. DAN JINTALAB JIFFIRMA FI KTIEB APPOSTA GĦAND IR-RECEPTIONIST. MINGĦAJR IL-KARTA TAL- IDENTITÀ, IL-ĠENITUR MA JITĦALLIEX JIEĦU LIL ULIEDU MILL-ISKOLA.**

## IT-TALBA GĦAL EŻENZJONI

- L-istudent/a jistgħu jiġu eżentati mill-iskola, meta ssir talba mill-ġenituri tal-istudenta wara li tkun ippreżentata tal-Karta tal-Identità u wara li jinġieb permess mingħand is-*Social Workers*.
- Jekk student/a tmur safra waqt żmien l-iskola, ma TISTGĦAX aktar tiġi skużata mill-iskola, imma tiġi immarkata bħala assenti mill-iskola.
- Meta t-talba għall-eżenzjoni tkun biex student jew studenta jibdew jaħdmu, huma għandhom bżonn ċ-ċertifikat ta' min se jħaddem lil uliedhom.
- **Talba għall-ħruġ mill-iskola ma tfissirx permess awtomatiku. L-istudenti jibqgħu marbutin li jattendu l-iskola sakemm jirċievu dan il-permess bil-miktub.**

## S.A. 25 IL-FORMOLA GĦAL *ALLOWANCE* SUPPLIMENTARI

- Studenti li jagħlqu s-sittax-il sena u jibqgħu jattendu l-iskola, huma intitolati għal a*llowance* supplimentari. Biex japplikaw għal dan l-*allowance,* il-ġenituri jridu jġibu formola mill-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali tad-distrett. Il-ġenituri jridu jġibu l-formola l-iskola, mimlija bil-lest, għat-timbru u l-firma tal-Kap tal-Iskola. Il-ġenituri mbagħad jieħdu lura din il-formola mimlija fl-uffiċċju tas-Servizzi Soċjali.

## IS-SERVIZZ MIL-LIBRERIJA TAL-ISKOLA

- Fil-bidu tas-sena skolastika, il-librara tal-iskola jsellfu lil kull student jew studenta xi kotba li jkunu ser jużaw matul is-sena.
- Uħud mill-kotba li l-istudenti jingħataw fil-bidu tas-sena, jinġabru lura fl-aħħar tas-sena. Oħrajn jinżammu biex jintużaw is-sena ta' wara. Il-librara jispjegaw lill-istudenti x'kotba jirritornaw u x'kotba jżommu. Jgħidulhom ukoll meta jridu jieħdu lura l-iskola l-kotba li mhux ser iżommu.
- L-istudenti għandhom jieħdu ħsieb sewwa tal-kotba u **jiksuhom bil-plastik** sabiex fl-aħħar tas-sena jiġu rritornati fl-istess stat li ngħatawlhom. F'każ li l-istudenti jqattgħu jew jitilfu ktieb, kemm jekk ikun ktieb tal-iskola, kif ukoll jekk ikun misluf lilhom mil-librerija, dawn ikunu mitluba jħallsu jew iġibu ktieb ieħor bħalu.

- **L-ISTUDENTI MA JINGĦATAWX IR-RIŻULTAT TAL-AĦĦAR TAS-SENA JEKK MA JKUNUX IRRITORNAW IL-KOTBA/*BADGES*/ĊWIEVET TAL-*LOCKER* KOLLHA TAS-SENA SKOLASTIKA LI TKUN QED TISPIĊĊA JEW ĦALLSU GĦALL-AFFARIJIET KOLLHA LI JKUNU NTILFU.**
- **BARRA MINN HEKK, IS-SETT TA' KOTBA/AĊĊESS GĦAL LOCKER MA JINGĦATAWX FIL-BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA L-ĠDIDA.**
- Il-librerija tal-iskola tiftaħ kuljum waqt il-*break* ta' nofsinhar biex l-istudenti jagħmlu xogħol ta' riċerka u jissellfu kotba għall-qari. Il-klassijiet jingħataw ġranet differenti biex jużaw il-librerija.
- Fil-librerija, l-istudenti jsibu wkoll servizz ta' self ta' *videos* kif ukoll kompjuter li jistgħu jużawh biex jaraw u jfittxu fuq CD Roms.

## IR-REGOLAMENTI TAL-LIBRERIJA TAL-ISKOLA

- Kulma hemm fil-librerija, għandu jintuża sewwa u bil-galbu.
- L-istudenti jħallu l-basktijiet tagħhom barra l-librerija u ma jdaħħlux magħhom ikel u xorb.
- L-imwejjed u s-siġġijiet tal-librerija jitħallew f'posthom u meta l-istudenti jlestu minn ktieb, jerġgħu jqiegħduh lura f'postu.
- Studenti li jissellfu ktieb għall-qari għandhom jirritornawh sad-data stipulata.
- Il-librerija ma tkunx miftuħa meta l-iskola tkun bin-nofstanhari.

## IS-SERVIZZ MILL-ISKRIVANI TAL-ISKOLA

- **L-ISKRIVANI MA JIEĦDUX TELEFONATI ANONIMI**. Il-ġenituri għandhom jagħtu isimhom mill-bidu nett tat-telefonata.
- L-istudenti għandhom jużaw il-*break* ta' filgħodu biex jinqdew mill-uffiċċju tal-iskrivani. M'għandux jinħela ħin waqt il-lezzjonijiet.
- Studenti li ma jkunux jifilħu għandhom l-ewwel ikellmu lill-Assistent/a Kap tal-blokk.

## IL-PJAN TAL-ISKOLA

- L-iskola fiha ħames blokki ta' bini msejħa Blokk 1, 2, 3, 4 u 5.
- L-uffiċċju tal-Kap tal-Iskola u dak tal-iskrivani jinsabu fi Blokk 5. L-Assistenti Kapijiet għandhom uffiċċji fi Blokki 1, 2, 3, 4 u 5.
- L-iskola għandha *Guidance Rooms* fi Blokki 1, 2, u 3. Hemm ukoll *Counsellor's Room* fi Blokk 1. Is-servizz tal-*Guidance* jiġi offrut mhux biss lill-istudenti, iżda wkoll lill-ġenituri. Dawn jistgħu jitolbu appuntament bit-telefown.
- **Il-grada prinċipali tal-iskola (GRADA NUMRU 2) qiegħda quddiem Blokk 5 fi Triq Luqa Briffa. Din tkun magħluqa l-ġurnata kollha ħlief waqt li jkunu deħlin jew ħerġin il-karrozzi.**

- Grada oħra fi Triq Luqa Briffa tinfetaħ biss waranofsinhar għal studenti li jmorru d-dar bil-mixi/van privat. Din hija GRADA NUMRU 3.
- Grada fi Triq Mons. Degabriele tinfetaħ biss waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti li jużaw it-trasport tal-iskola. Il-bqija tal-ġurnata tkun magħluqa. Din hija GRADA 5.

## ILBIES ADDATAT GĦAL-ISKOLA

Il-ġenituri huma ġentilment imfakkra li l-iskola hija bini pubbliku. **KULL META IL-ĠENITURI JKOLLHOM BŻONN JIĠU L-ISKOLA HI X'INHI IR-RAĠUNI, INTOM ĠENTILMENT MITLUBA SABIEX JEKK JOGĦĠOBKOM TIĠU LIBSIN XIERAQ.**

**GĦALHEKK JEKK JOGĦĠOBKOM TIĠUX L-ISKOLA B'ŻAQQKOM BARRA, BI LBIES IMQAĊĊAT, SKULLAT JEW BI LBIES INDIĊENTI.** L-amministrazzjoni tal-iskola tkun kostretta li ma tħallix ġenituri jidħlu ġol-iskola jekk ma jsegwux il-kodiċi tal-ilbies. Dan jgħodd ukoll għal uliedkom meta għal xi raġuni jew oħra jiġu l-iskola mingħajr uniformi.

## L-ATTIVITAJIET TA' WAQT IL-*BREAK* TA' NOFSINHAR

- L-iskola tħajjar lil KULL student/a sabiex jagħżel attivita skont x'jinteressah l-aktar minn dawk li jiġu organizzati fil-brejk ta' nofsinhar.

## L-INDIRIZZ TAL-ISKOLA

*Kulleġġ San Tumas More, Skola Sekondarja,*
Triq Luqa Briffa,
Iż-Żejtun. ZTN 2719

*Email address*: stmc.zejtun.ss@ilearn.edu.mt
Website: http://stmc.zejtunsecondary.skola.edu.mt

## IN-NUMRI TAT-TELEFOWN IMPORTANTI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Reception / Secretary | 21694725 / 21666775 | Fax | 21678188 |